MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 1929/1997/1

**Mario Mallia Bonello**
**vs**
**Jason Lee Borg u Martin Triganza**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ippresentata mill-attur fl-1 ta’ Settembru, 1997, li *in forza* taghha, wara li ppremetta :

Illi ghall-habta tat-12 ta’ Awissu 1992, waqt li l-attur kien qieghed isuq  vettura tax Tal-Handaq, Qormi, gie aggredit mill-konvenut Jason Lee Borg li tah madwar tnax il-daqqa b’istrument ippuntat, minghajr provokazzjoni ta’ xejn;

Illi inoltre l-konvenut Triganza kien il-persuna li nkariga l-konvenut Jason Lee Borg sabiex dan joqtol l-attur;

Illi minhabba f’dan l-incident l-attur sofra danni konsiderevoli, konsistenti f’dizabilta permanenti;

Talab li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara li z-zewg konvenuti kienu responsabbli direttament jew indirettament ghall-incident tat-12 ta' Awissu 1992, fejn l-attur indarab permezz ta' tnax il-daqqa ta' mqass;
2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur;
3. Tikkundanna l-konvenuti jhallsu l-ispejjez likwidata;

Bl-ispejjez u l-imghax u l-konvenuti ingunti in subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda ta' l-attur;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonjiet tal-konvenut Martin Triganza, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;
2. Illi l-eccipjent qatt ma qabbad lil hadd biex jaghmel ir-reat indikat fic-citazzjoni. Ghalhekk il-fatti hemm indikati, fejn jirrigwardaw lill-eccipjent, huma inveritieri;
3. Illi l-konvenut qieghed ghaddej proceduri kriminali li ghadhom ma gewx konkluzi;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-konvenut Martin Triganza;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonjiet tal-konvenut Jason Lee Borg, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

Illi, preliminarjament, it-talbiet attrici kif dedotti mill-attur fic-citazzjoni huma infondati fil-fatt u fil-ligi;

Illi, ghalhekk, it-talbiet attrici ghandhom jigiu respinti bl-ispejjez kontra l-attur;

Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur ma garrabx dizabilita' permanenti li setghet tikkawzalu xi lucrum cessans;

Salv eccezjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-konvenut Jason Lee Borg;

Rat id-digriet taghha tat-2 ta' Gunju, 1998 li permezz tieghu hattret lil Dr Joseph Louis Grech bhala espert mediku sabiex jirrelata dwar l-allegata dizabilita permanenti.

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi kollha li tressqu u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat id-digriet taghha tal-25 ta' Jannar tal-2000 li permezz tieghu, wara li giet infurmata li l-espert mediku kien miet fil-mori tal-kawza, innominat bhala espert mediku minfloku bl-istess fakultajiet lil Professur Charles Grixti.

Rat ir-rapport ta' l-espert mediku Mr Charles Grixti mahluf minnu waqt is-seduta tas-16 ta' Ottubru, 2001.

Rat illi minkejja il-fatt illi l-partijiet kollha inghataw l-opportunita li jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet, kien biss il-konvenut Martin Triganza li ipprezenta nota ta' sottomissjonijiet.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum.

Ikkunsidrat :

Illi xehed l-attur u spjega kif gara l-incident in kwistjoni. Huwa qal illi kien jahdem mal-Wembley Garage bhala xufier u fit-12 ta' Awissu 1992, kmieni wara nofsinhar kien xoghol, cempel xi hadd mill-Imsida u talab taxi u l-imghallem kien baghat lilu. Kien ghabba persuna bl-krozzi mill-Msida u dan qal li ried imur Tal-Handaq. F'hin minnhom, meta waslu fejn razzett ta' certu wiehed jismu Lippu, hass tingiza kbira f'ghonqu in-naha tal-lemin u il-persuna li kien ghabba beda jaghtih bl-addocc. Hu dar,

qabdu u ra li f'idejh kellu nofs imqass u induna li kien qieghed jaghtih bl-imqass, ghalhekk hadulu minn idejh, u bezzghu billi qallu li hu pulizija, u meta qallu hekk dan ir-ragel qallu li kien gie imgieghel u mhedded biex jaghmel hekk minn certu Martin Triganza. L-aggressur umbaghad harab mill-karozza, l-attur mar l-isptar fejn gie operat u dam hemmhekk madwar jumejn. L-attur xehed illi huwa baqa isofri b'ghonqu sal-gurnata tal-lum u ghamel sentejn ma jahdimx. Meta gara l-incident kellu 26 sena u l-paga tieghu dak iz-zmien kienet hamsin lira Maltin (LM50) fil-gimgha netti, izda kien jaghmel ukoll erba' sieghat overtime kulljum u tal-overtime kien jithallas lira u hamsa u ghoxrin centezmu (LM1.25) fis-siegha, u ghalhekk ikkalkula li kien jaqla madwar tmenin Maltin (LM80) fil-gimgha b'kollox.

Illi xehed l-Ispettur Anthony Cassar illi ikkonferma ix-xiehda tal-attur dwar kif gara l-incident in kwistjoni. L-Ispettur xehed illi kienet saret ukoll inkjesta magisterjali u waqt l-inkjesta raw ragel gej fid-direzzjoni taghhom izappap u kien kollu miksi bid-demm. Gie suspett lill-pulizija li dan setgha kien l-aggressur, u effettivament dan ir-ragel mal-ewwel qal lill-pulizija b'dak li kien gara u sussegwentement informa lill-pulizija li kien gie imqabbad minn certu Martin Triganza biex joqtol tnejn minn nies, u li wiehed minnhom kellu ikun xufier ta' Taxi. Din il-persuna illi kienet il-konvenut Jason Lee Borg, qal lill-pulizija li kien bil-krozzi ghaliex kien sofra minn incident xi zmien qabel u informa ukoll lill-pulizija li kien ghamel dak li ghamel ghall-flus. Huwa kien ukoll ikkonferma din il-verzjoni quddiem il-Magistrat Inkwirenti bil-gurament tieghu. L-Ispettur xehed illi l-konvenut Jason Lee Borg kien qallu kif kien iltaqa ma Martin Triganza fuq ix-xoghol, kienu saru hbieb u il-konvenut kien stqarr mieghu illi kellu problema tal-flus u Triganza kien qallu li jekk ried flus huwa kien ihallsu imbasta jaghmillu bicca xoghol, u skond Borg din il-bicca xoghol li ried Triganza kienet li tigi eliminata il-mara tieghu sabiex b'hekk Triganza ikun jista jiehu lit-tifla illi kellu minnha. Jason Lee Borg kien qal lill-pulizija illi l-konvenut Triganza kien qallu li peress illi l-bicca tax-xoghol ma kienitx facli kellhom jinqatlu tnejn minn nies, l-ewwel kellu jinqatel ix-xufier tax-taxi u sussegwentement il-mara ta'

Triganza, u dan sabiex il-pulizija tigi zvijata. Il-konvenut Borg qal lill-Ispettur illi l-konvenut Triganza kien tah imqass li kien gie maqsum fi tnejn, parti minnu kellha tintuza biex tinqatel il-mara ta' Triganza u il-parti l-ohra sabiex tinqatel persuna ohra. Borg kien qal lill-pulizija li ta' din il-bicca xoghol kien ser jithallas elf u erbgha mitt lira Maltin (LM1,400) minghand Triganza.

Illi l-konvenut Borg kien qal lill-Ispettur illi huwa kien talab lil habib tieghu minn Hal-Qormi, certu Joannes Marines Veen, sabiex jghinu f'din il-bicca xoghol u il-pulizija, wara li kellu lil dan Veen, ikkonfermat dak kollu li kien qal il-konvenut Borg u dak illi xehed ukoll fil-kumpilazzjoni. Il-konvenut Borg kien qal lill-pulizija li hu, Triganza u Veen kienu jiltaqghu il-barrakka ta' fuq u darba minnhom kienu ftehmu illi kellhom isejjhu xufier ta' taxi li kellu jehodhom Ta' Qandaq, fejn kellhom juzaw bicca wahda mill-imqass biex joqtlu lix-xufier tat-taxi u ihallu l-imqass f'idejh. Xi granet wara, kellhom jistennew lil mara ta' Triganza u joqtluha bil-parti l-ohra ta' l-imqass li wkoll ihalluha hdejn il-katavru u dan sabiex il-pulizija tahseb li dan kien kollu xoghol ta' xi serial killer. Veen kien qal lill-konvenut Triganza li beda jibza u ma riedx jiehu parti f'din il-bicca xoghol u irtira minnha u ghalhekk il-konvenut Borg kien accetta li jaghmel ix-xoghol kollu hu u jiehu l-flus kollha hu wkoll, u effettivament il-konvenut Triganza kien diga tah xi flus qabel ma ghamel dak illi ghamel. L-Ispettur kompla jghid illi il-konvenut Borg kien spjegalu kif kien mar Bar fl-Imsida fejn cempel lill-Wembley Garage u talabhom biex jibghatulu taxi sabiex mill-Imsida tiehdu Tal-Handaq. Borg kien ammetta illi meta tat-taxi waslu Tal-Handaq, kif waslu fejn il-parti tat-triq li kienet tidjieq, hareg il-parti tal-imqass u beda jaghti lix-xufier biha. Huwa ta' diversi daqqiet lix-xufier bl-imqass sabiex ikun zgur li joqtlu, izda ma jafx kif ix-xufier kien qam minn postu, dar u zammlu jdejh. Borg dak il-hin irnexxielu johrog mill-vettura u harab minn hemm hekk, izda kien halla l-krozzi fil-karozza tat-taxi. L-Ispettur xehed ukoll kif il-konvenut Borg kien anke tah il-bicca l-ohra tal-imqass li kienet taqbel perfettament mal-parti l-ohra tal-imqass li intuzat fil-feriment ta' l-attur. L-Ispettur kompla jixhed illi kienet saret 'identification parade' fil-prezenza tal-Magistrat Inkwirenti u illi xi persuni

li kienu qeghdin fil-bar ta’ l-Imsida minn fejn kien cempel il-konvenut Borg gharfu lil Borg bhala li kien qieghed fl-imsemmi bar fil-hin in kwistjoni.  L-Ispettur Anthony Cassar kompla jixhed illi il-pulizija kienu tkellmu wkoll mal-konvenut Triganza illi ammetta li kellu inkwiet mal-mara tieghu, izda cahad illi kien qabbad lill-konvenut Borg biex jaghmel dak illi ghamel, izda kien ikkonferma li kien jaf lill-konvenut Borg u lil Veen.

Ikkunsidrat :

Illi xehed il-Professur Godfrey Laferla illi kien ezamina lill-attur l-ghada li iddahhal l-isptar u setgha jara illi l-attur kien issubixxa operazzjoni ghar-rigward ta’ griehi f’ghonqu fi spaltu u f’idejh.  Irrizulta li l-attur kellu qatgha pjuttost fil-fond fuq ghonqu fuq in-naha tal-lemin illi kienet twila xi zewg pulzieri u fonda madwar nofs pulzier.  Kellu qatghat ohrajn izjed ‘l isfel u qatghat ohrajn zghar  fejn jaghlaq ghajnejh ix-xellugija, spaltu ix-xellugija u  il-forearm tax-xellug, li kienu izda ta’ natura hafifa.

Illi xehed ukoll Pierre Bonello ghall-Wembley Garage u ikkonferma illi l-attur kien ghamel zmien jahdem maghhom bhala xufier u ikkonferma illi kien irceva telefonata fejn xi hadd kien ordna vettura l-Imsida hdejn Another Day Bar u hu kien baghat lill-attur biex jigbor lill-persuna minn hemm hekk u sussegwentement kien irrizultalu li xi hadd kien attakka lill-attur.  Huwa qal illi l-attur rega’ dahal ghax-xoghol, izda kien ghamel perjodu ma jahdimx.

Illi l-accountant tal-Wembley Motor iffirma dokument fejn ikkonferma illi l-attur kien jahdem mal-Wembley fl-1992 u fl-1993 bhala driver fulltime u li meta gara l-incident kien jaqla tmienja u tletin lira Maltin u disgha u tletin centezmu (LM38.39) fil-gimgha.

Ikkunsidrat :

Illi l-espert mediku Charles Grixti wasal ghas-segwenti konkluzjoni fir-rapport tieghu :

“Mario Bonello soffra griehi f’wiccu, fuq dahru, fid-drigh ta’ isfel tax-xellug u f’ghonqu kagun dirett tal-accident li kellu fit-12 ta’ Awwisu tal-1992;

Illi l-ebda wahda minn dawn il-merkijiet ma jaffettwar il-funzjoni ta’ dik il-parti tal-gisem fejn qeghdin;

L-apparenza taghhom taffetwa id-dehra tal-wicc, u minhabba dan jiena nistma id-dizabilita permanenti li soffra Mallia Bonello kagun ta’ dan l-accident li kellu fit-12 ta’ Awissu tal-1992 ta’ 4% (erbgha fil-mija).”

Ikkunsidrat :

Illi xehdet Simone Triganza, il-mara tal-konvenut Martin Triganza, u ikkonfermat illi fl-1988 zewgha kien beda proceduri ta’ separazzjoni fil-konfront taghha u dawn il-proceduri kienu ikkontestati ferm. Hija xehdet illi zewgha gieli sawwatha meta kienu jghixu flimkien u wara li isseparaw zewgha, il-konvenut Triganza, kien jigri warajha bil-karozza u isegwiha u kien ighid illi minkejja li kienu separati, haddiehor ma kien ser jehodha.

Ikkunsidrat :

Illi xehed il-konvenut Martin Triganza u cahad li qabbad lil xi hadd sabiex jaghmel xi reat fuq il-persuna ta’ l-attur, jew fuq il-persuna tal-mara tieghu, u qal illi ma jafx lill-attur qabel l-incident u illi in konnessjoni mal-fatti mertu ta’ din il-kawza, kien ghadda minn proceduri kriminali, kien ghadda guri, izda f’Ottubru tas-sena 2000 kien hareg illiberat. Huwa xehed illi jaf lill-konvenut Jason Lee Borg peress illi kien jahdem fejn kien jahdem hu, il-Brand International, izda ma tantx kienu jiltaqghu hemm hekk. Triganza xehed illi Jason Lee Borg allega li kien iltaqa mieghu gurnata qabel ma sehh ir-reat in kwistjoni fejn kien tah arma, imqass, izda hu cahad dan kollu u qal illi dakinhar li sehh ir-reat huwa kien qieghed Ghawdex. Il-konvenut Triganza xehed illi lil Veen kien iltaqa mieghu xi darbtejn l-isptar San Luqa u kien introducih mieghu il-konvenut Jason Lee Borg, u f’din l-okkazjoni huwa kien mar l-isptar San Luqa sabiex jara kollega tieghu tax-

xoghol illi kien rikoverat hemm hekk. Il-konvenut Triganza xehed illi Borg kellu incident tat-traffiku u kien gie rikoverat l-isptar u kien talab l-ghajnuna tieghu peress illi ma kellux ghajnuna minghand il-familjari, izda meta ra li Borg ried jiehu il-kunfidenza kien qata minn mieghu. Triganza ammetta li kien kellem lil Borg dwar il-problemi li kellu mal-mara tieghu, izda qal illi l-konvenut Borg kien ivvinta storja illi hu kien qabdu sabiex joqtol lill-martu u lill-attur fuq istigazzjoni tal-mara tieghu u tal-habib taghha.

Illi skond il-konvenut Triganza, kienu martu u l-habib taghha li kienu qabdu lil Borg biex jikkommetti ir-reat fir-rigward tal-attur u iwahhal fih, u din kienet kollha frame up. Il-konvenut Triganza xehed ukoll illi il-konvenut Borg kien alkoholiku u kien anke jabbuza mid-droga u kellu bzonn il-flus u ghalhekk setgha kien illi attakka lil xi hadd tat-taxi biex jisraqlu l-flus.

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-process illi il-konvenut Jason Lee Borg ma xehedx, mentri il-konvenut Martin Triganza xehed aktar minn darba. Irrizulta wkoll illi il-konvenut Martin Triganza gie liberat mill-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu wara li ghadda guri, waqt illi l-konvenut Jason Lee Borg ammetta u wehel prigunerija talli fera gravament lill-attur.

Illi l-Qorti rat ukoll illi Joannes Marines Veen, minkejja li tharrek sabiex jixhed f'dawn il-proceduri, effettivament baqa ma xehedx.

Ikkunsidrat ;

Illi dwar ir-responsabbilta o meno tal-konvenut Martin Triganza il-Qorti rat illi filwaqt illi huwa minnu illi fi proceduri kriminali il-prova li trid titressaq trid tkun lil hinn minn kull dubbju ragonevoli, fi proceduri civili il-prova li trid tingieb trid tkun fuq bazi ta' probabbilita.

Illi l-Qorti ezaminat il-verzjoni illi ta' il-konvenut Borg lill-pulizija fis-sens illi l-konvenut Triganza inkariga lil Borg sabiex joqtol lil xi hadd umbaghad joqtol ukoll lil martu.

Ikkunsidrat il-fatt illi irrizulta illi Borg kien korra fiz-zmien meta sehh l-incident in kwistjoni u kien juza il-krozzi.

Illi l-Qorti rat illi ma tressqu l-ebda provi konkreti fil-konfront tal-konvenut Triganza, peress illi kif diga intqal, il-konvenut Borg ma xehedx, siehbu ukoll ma xehedx, u il-verzjoni illi Borg ta lill-pulizija ma tantx hija wahda kredibbli.

Illi mhuwiex verosimili illi l-konvenut qabbad lil Borg sabiex iwettaq zewg delitti meta Borg kien isofri minn nuqqas ta' mobilita fiz-zmien meta twettaq id-delitt in kwistjoni. Effettivament Borg ma irnexxielux joqtol lit-taxi driver.

Illi l-konvenut Triganza irnexxielu jaghti spjegazzjoni sodisfacenti ta' kif sar jaf lil Borg fuq ix-xoghol, kif iltaqa mieghu u mal-habib tieghu l-isptar meta mar jara lil certu Gafa, illi huwa haseb li kien rikoverat l-isptar, u hemm hekk ra lil Borg illi kien rikoverat l-isptar u gharfu peress illi kien jahdem fuq l-istess post tax-xoghol tieghu.

Illi effettivament Gafa xehed u ikkonferma illi fiz-zmien in kwistjoni huwa verament kellu ugigh f'dahru u t-tabib kien tah parir sabiex imur jistrieh id-dar, izda qatt ma kien rikoverat l-isptar, imma gara illi l-konvenut Triganza kien taht din l-impressjoni zbaljata u kien ghalhekk illi mar l-isptar.

Illi l-konvenut Triganza spjega kif huwa fetah qalbu ma Borg wara li Borg kien spjegalu dwar dak li kien ghadda minnu mal-genituri tieghu fejn kien gie imsawwat, u ghalhekk Triganza setgha jissimpatizza mieghu peress illi bintu wkoll kienet qeghda tigi imsawwta minn martu u kien ghalhekk illi tkellmu u dahlet certu hbiberija, izda meta Borg beda jitolbu il-flus Triganza hass illi kellu jaqta minn mieghu.

Illi Triganza ipprova wkoll illi meta twettaq id-delitt in kwistjoni huwa kien Ghawdex, kif anke xehdu il-familjari tieghu u ikkollaboraw il-verzjoni tieghu f'dan ir-rigward.

Illi Triganza ipprova illi fiz-zmien in kwistjoni verament kellu problemi ma martu, hu u martu kienu ghaddejjin minn proceduri ta’ annullament ta’ zwieg taghhom kif ukoll minn proceduri ta’ separazzjoni u kellhom ukoll problemi dwar l-access ta’ binthom, izda ma gie bl-ebda mod ippruvat illi l-konvenut Triganza inkariga lil Borg sabiex joqtol lil martu u lil xi persuna ohra, kif qal il-konvenut Borg lill-Ispettur.

Illi il-Qorti rat ukoll illi min imkien ma irrizulta illi l-konvenut Borg irrilaxxja xi stqarrija lill-pulizija fejn qalilhom illi huwa tqabbad mill-konvenut Triganza sabiex joqtol lill-attur, anzi l-allegazzjoni tal-konvenut Borg kienet fis-sens illi Triganza kien qallu sabiex joqtol lil xi hadd u sussegwentement joqtol lil martu sabiex tinghata l-impressjoni illi dan kien kollu l-agir ta’ ‘serial killer’.

Illi l-Qorti rat illi, filwaqt illi ma tressqet l-ebda prova fis-sens illi l-konvenut Martin Triganza huwa b’xi mod responsabbli ghal dak illi gara lill-attur, il-konvenut l-iehor Jason Lee Borg ammetta illi kien hu illi fera gravament lill-attur u ikkagunalu dizabilita permanenti kif irrizulta mir-rapport mediku tal-espert mahtur mill-Qorti Charles Grixti.

Illi irrizulta wkoll illi il-konvenut Borg ghadda minn proceduri kriminali fil-konfront tieghu u wehel il-habs tar-reat illi huwa ikkommetta.  Inoltre, l-attur gharaf lil Borg bhala l-persuna illi aggredih u ghalhekk certament Borg huwa responsabbli unikament ghal dak kollu illi gara lill-attur.

Ikkunsidrat :

Illi l-attur ma ressaqx provi dwar “damnum emergens”, ghalhekk, il-Qorti sejra tillikwida biss il-“lucrum cessans”.

Illi irrizulta illi l-attur sofra dizabilita ta’ erbgha fil-mija (4%) u illi huwa kellu sitta u ghoxrin (26) sena meta gara l-incident in kwistjoni.

Illi fir-rigward tal-multiplier, il-Qorti rat illi fil-gurisprudenza nostrana, jirrizulta illi aktar ma tkun baxxa l-eta tal-ferut

fid-data tal-incident inqas ikun il-multiplier. F'dan ir-rigward il-Qorti rat sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tat-22 ta' Dicembru 1967, fil-kawza fl-ismijiet Butler vs Heard, u sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet Turner vs Agius deciza fit-28 ta' Novembru 2003 fejn gie addottat multiplier ta' 30 sena ghal zaghzugh ta' 17 il-sena, waqt li fis-sentenza Scicluna vs Meilaq deciza fis-7 ta' Ottubru 2004, il-Qorti addottat multiplier ta' 15 il-sena ghal pesuna li kellha 42 sena.

Illi irrizulta illi l-attur kien jaqla madwar tmenin lira Maltin (LM80) Maltin fil-gimgha meta sehh l-incident in kwistjoni u ghalhekk il-Qorti sejra tapplika multiplier ta' tletin (30) sena.

Illi ghalhekk fir-rigward ta' lucrum cessams il-Qorti sejra tadotta din il-formola : il-paga illi kellu l-attur fil-gimgha :
LM38.39 X 52 gimgha X 30 sena X 4% dizabbilita, li jammonta ghas-somma ta' elfejn tlett mija hamsa u disghin Lira Maltin u erbgha u hamsin centezmu (LM2,395.54), ekwivalenti ghal hamest elef hames mija u tmenin ewro u hdax il-centezmu (€5,580.11).

Illi l-Qorti f'dan il-kaz mhix ser tnaqqas ghoxrin fil-mija tal-"lump sum payment" peress illi l-kaz gara bosta snin ilu u, tenut kont tax-xebgha illi qala l-attur u l-operazzjoni illi gie sottopost ghaliha, il-Qorti tara illi f'dawn ic-cirkostanzi ma ghandux ikun hemm tnaqqis tal-lump sum payment.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt illi tilqa l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut Martin Triganza, qeghda tirrispingi it-talbiet kollha attrici fil-konfront tal-konvenut Martin Triganza. Fir-rigward tal-konvenut Jason Lee Borg, il-Qorti qeghda tirrispingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut Jason Lee Borg u tilqa t-talbiet kollha attrici fil-konfront tieghu u ghalhekk filwaqt illi tiddikjara illi kien unikament il-konvenut Jason Lee Borg responsabbli ghall-incident tat-12 ta' Awissu 1992 fejn l-attur indarab permezz ta' tnax il-daqqa ta' mqass, qeghda tillikwida id-danni sofferti mill-attur bhala "lucrum cessans" fis-somma ta' hamest elef hames mija u tmenin ewro u hdax il-

centezmu (€5,580.11) u qeghda tikkundanna lill-konvenut Jason Lee Borg sabiex ihallas din is-somma lill-attur; Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenut Jason Lee Borg mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------